**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 14 ta' Settembru 2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**Nadim Mharam Abdul Gader Mharam**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Nadim Mharam Abdul Gader Mharam, iben Mohamed u Zahra nee` Hweldi, imwieled Libya nhar il 05 ta` Awissu 1982, residenti 43A, Triq il-Lvant, Zejtun u detentur tal-karta tal-identita` numru 167513(L)

Akkuzat talli f`dawn il-Gzejjer, nhar it- 18 ta' Ottubru 2019, ghall-habta tas- sebgha u nofs ta` filghaxija (07:30p.m) minn gewwa 24, Triq id- Dorell, Gudja u/jew fil-vicinanzi:

1. Ikkommetta serqa ta' nkwadru u mizien antik, ghad-detriment ta' Andrew Cauchi u/jew persuni ohra, liema serqa hija kwalifikata bil- 'mezz', bil-'valur', bil-'lok u bil-'hin'. (Art. 261 (b), (c), (e), (f), 263, 265, 267, 269(g), 270 279(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

2. Akkuzat aktar talli rrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

3. Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali bis-sahha ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali, sabiex dan il-kaz jigi ttrattat bil-procedura sommarja u li rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

4. Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

5. Rat in-noti ta' sottomissjonijiet finali tal-prosekuzzjoni u tad-difiza.

**Il-FATTI**

6. Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma in succint is-segwenti:

(i) Fit-18 t'Ottubru 2019 ghal habta tat-8.00pm Andrew Cauchi irrapporta gewwa l-ghassa tal-Pulizija taz-Zejtun, li hu kien ghamel hbieb mal-imputat, ghax kien jithassru ghax ma kienx jahdem u gieli tah xi haga tal-flus biex jghix.

(ii) Cauchi irrapporta li dak in-nhar ghal habta tas-7.30pm kien mar lura d-dar tieghu, fil-Gudja, fejn meta dahal sab lill-imputat gewwa b'xi oggetti f'idu li kienu tal-kwerelant. Dawn l-oggetti kienu mizien antik tal-kcina ta' valur ta' €130.00 u inkwatru bil-medalji ta' valur ta' circa €300. L-imputat qallu li kien sab il-bieb miftuh, u dahal gewwa, u li l-oggetti li kellu f'idu kien se jurihom lil xi hbieb tieghu li kien hemm barra. Cauchi qal li sema vuci ta' mara gej minn go vettura, u skond Cauchi din il-vuci kienet ta' Ramona Caruana.

(iii) Cauchi qal li hu ma halliex lill-imputat jiehu l-oggetti, qallu biex jitlaq il-barra, u mar jaghmel r-rapport lill-Pulizija.

(iv) L-imputat gie arrestat u waqt l-interrogatorju innega li kien dahal fid-dar ta' Cauchi u qal li kien qaghad barra l-bieb tad-dar tieghu, pero qal li l-purtella kienet miftuha fi x'hin wasal hu.

(v) L-imputat qal ukoll li dak in-nhar ma kienx mar id-dar ta' Cauchi ma' Ramona Caruana, izda kien wasslu certu Muhammed, u ta lill-Pulizija n-numru tal-mobile tieghu.

(vi) L-imputat tressaq il-Qorti mixli bl-imputazzjoni fuq imsemmija.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti dwar Htija**

7. Fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti il-kwerelant Cauchi irrepeta in sostanza dak li hu kien diga qal fir-rapport tieghu lill-Pulizija. Huwa qal li kien ghamel hbieb mal-imputat ghax kien jithassru, u jiehdu d-dar tieghu biex jaghtieh jiekol. Min-naha l-ohra hu jghid ukoll li l-imputat ma jahdimx, jabbuza mix-xorb alkoholiku u d-droga, u hsiebu fin-nisa. Qal ukoll li jissuspetta li xi granet qabel l-akkadut, l-imputat kien seraqlu c-cavetta tad-dar, u ghamel kopja taghha, u b'hekk fetah il-bieb tad-dar dak-in-nhar tal-incident. Cauchi qal li barra fit-triq go karozza li fiha kien hemm ragel li ma gharafx u certu Mona (presubilment Ramona Caruana li semma fir-rapport lill-Pulizija) li gharafha minn lehinha.

8. Cauchi qal ukoll li l-ghada tal-incident, wara li kien ikkalma, ghamel rendikont tal-affarijiet li kellu u nduna li kien hemm affarijiet neqsin, u li skond hu hadhomlu l-imputat. Dawn l-affarijiet li sab nieqsin huma erbat elef Euro (€4,000) fi flus kontanti, kuruna tal-madre perla tiswa erba' mitt Euro (€400.00) u kwadru b'sett midalji tar-rejiet Inglizi li skond Cauchi huma imprezzabbli.[1] Pero huwa ammetta li naqas li jinforma lill-Pulizija b'dawn l-affarijiet li sab nieqsin, u l-ewwel darba li ghamel dan kien waqt ix-xhieda tieghu fil-Qorti.

[1] Ara Dok AC1 a fol. 28 tal-process.

9. In kontro-ezami, Cauchi ammetta li hu kien qal lill-imputat sabiex imur id-dar tieghu dak-in-nhar tal-incident bejn is-sebgha u t-tmienja ta' fil-ghaxija (7.00pm u t-8.00pm), in konnessjoni ma' xiri ta' mobile minghand l-imputat.

10. Min-naha l-ohra, fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, l-imputat zamm ferm mal-verzjoni tal-fatti li hu ta waqt l-interrogatorju. Huwa qal li Cauchi kien xtara mobile minn ghandu u kien ftiehem mieghu li dak in-nhar tal-incident imur id-dar tieghu bejn is-sebgha u t-tmienja ta' fil-ghaxija (7.00pm u t-8.00pm) biex igiblu c-charger. Pero meta mar id-dar tieghu ma sabux hemm, pero il-purtella kienet miftuha u qaghad jistenna fil-parapett. Meta wasal Cauchi, dan beda jghid li hu kien halla l-purtella miftuha, u jallega li l-imputat dahallu gewwa.

11. L-imputat baqa' jinnega li dahal fid-dar ta' Cauchi u li seraqlu xi affarijiet. Innega wkoll li huwa kellu c-cavetta tad-dar.

12. Ix-xhieda l-ohra f'dawn il-proceduri kienu l-Ufficjal Prosekutur u l-ufficjal tal-Pulizija li hadet ir-rapport ta' Cauchi.

13. Ghalhekk, il-Qorti hija rinfaccata b'zewg testimonjanzi kunfliggenti fejn il-vittma qed jallega numru ta' fatti, fil-waqt li l-imputat qed jichadhom. Provi ohra indipendenti sabiex jikkorroboraw il-verzjoni ta' parti jew ohra ma hemmx. Pero fi proceduri kriminali jinkombi lill-Prosekuzzjoni li tipprova l-kaz taghha lill'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni.

14. Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, il-Prosekuzzjoni issottomettiet li l-verzjoni tal-vittma taghmel iktar sens u hija veritiera ghal verzjoni li ta l-imputat, pero naqset r-raguni jew ragunijiet li fuqhom qed issejjes din is-sottomissjoni taghha. Huwa vera li xhud wiehed, jekk emnut sal-grad tal-konvinciment morali, huwa bizzejjed sabiex il-Qorti ssib u tiddikjara htija, pero jrid ikun hemm ragunijiet validi sabiex il-Qorti issib li xhud huwa kredibbli.

15. Il-Qorti hija tal-opinjoni li l-verzjoni ta' Cauchi m'hix wahda kredibbli. Huwa jallega li l-imputat ma jahdimx, huwa dipendenti fuq l-alkohol u fuq id-droga, u mohhu fin-nisa. Apparti li dan ma jirrizultax mill-provi – lanqas mill-fedina penali tal-imputat – jekk ghall-grazzja tal-argument biss dan hu veru, ghalfejn Cauchi ma kienx

sempliciment itih il-flus biex jghinu, imma kien regolarment idahhlu d-dar tieghu biex jiekol? Kulhadd jaf ir-rabta qawwija bejn l-abbuz ta' sustanzi illeciti u serq. Huwa ovvju anke mix-xhieda ta' Cauchi stess, li Cauchi kien jafda lill-imputat. Fl-istess nifs Cauchi jghid ukoll li dak in-nhar tal-incident, l-imputat kien stiednu biex jiekol id-dar tieghu.[2] Irrispettivament mid-daqs tar-residenza tal-imputat u jekk kinietx mislufa lilu jew le, dan juri li l-imputat mhux biss kellu flus biex jiekol hu, izda ukoll biex kultant jistieden ghall-ikel lil Cauchi stess.

16. Ghalkemm Cauchi jghid li jahseb li l-imputat hadlu c-cavetta biex ghamel kopja taghha ghand ironmonger li hemm fil-vicinanzi tad-dar tieghu, u ma jaghti l-ebda spjegazzjoni, wisq inqas wahda plawsibbli, dwar kif jahseb li l-imputat hadlu c-cavetta ghad insaputa tieghu. Per ezempju ma jghidx fejn izomm ic-cavetta tad-dar, jew fejn izomm kopji taghha.

17. Cauchi jghid ukoll li wara li hu ma halliex lill-imputat johrog l-oggetti li hu qal li kellu f'idejh, gie ragel li kien fil-karozza ghalih u l-imputat telaq mieghu. Ma jirrizultax li hu ha n-numru tar-registrazzjoni ta' din il-karozza – l-inqas li seta' jaghmel fic-cirkostanzi.

18. Cauchi mar jaghmel rapport lil Pulizija fuq il-fatt li allegatament qabad lill-imputat jisraqlu zewg oggetti ta' valur komplessiv ta' circa erba' mija u tletin Euro (€430), pero imbaghad meta l-ghada jghid li skopra li kellu neqsin erbat elef Euro (€4000) flus kontanti, oggett imprezzabbli u zewg oggetti tal-valur komplessiv ta' erbat elef u erba' mitt Euro (€4400), ma deherlux li kellu ghalfejn jinforma b'dan lill-Pulizija. Stima indipendenti ta' dawn l-oggetti neqsin ma gietxipprezentata f'dawn il-proceduri u wisq inqas prova indipendenti li effettivament Cauchi kellu fil-pussess tieghu dawn l-oggetti u l-ammont ta' €4000 fi flus kontanti.

19. Fir-rapport tieghu lil Pulizija Cauchi jghid li fil-karozza li biha telaq l-imputat kien hemm ukoll certu Ramona Caruana, u mir-rapport tal-Pulizija jidher li l-Pulizija tkellmu maghha, u din innegat l-allegazzjonijiet li saru kontriha. Pero din Ramona Caruana ma ngabietx bhala xhud biex tixhed.

20. Mill-atti ma jirrizultax li l-Pulizija sabu xi oggetti proprjeta ta' Cauchi fil-pussess tal-imputat, jew f'xi post iehor taht il-kontroll tieghu.

[2] Ara fol. 22 tal-process.

21. F'dan l-istat tal-provi, certament ma jistghax jinghad li l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova l-kaz taghha lill'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni.

**Konkluzjoni**

22. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, u qed tilliberah minnhom.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**